# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA'

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 22 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 24b/94**

**Numru 32**

**Joseph, Michael, Angelo, Carmel, Tarcisio, Maria Concetta mart Robert Doneo assistita mill-istess zewgha Robert Doneo, ilkoll ahwa Briffa.**

**vs**

**Joseph Darmanin**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru lill-intimat ir-raba maghruf bhala ta' San Tumas limiti Qrendi ta' kejl cirka hamest itmien (5T.) versu l-qbiela ta' sitt liri Maltin u hamsin centenzmi (Lm6.50) fis-sena jithallas kull Santa Marija prossima skadenza 15 ta' Awissu 1995;

Illi l-intimat ghamel hsara jew halla li ssir hsara fl-imsemmija ghalqa u inoltre ma hax hsieb jikkkoltiva l-istess ghalqa kif suppost;

Illi wkoll l-intimat ceda u/jew issulloka dan ir-raba’ lil terzi;

Illi dan ir-raba mhux fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat u inoltre r-rikorrenti ghandhom htiega ta’ dan ir-raba’ ghal Carmelo Briffa

L-esponenti talbu bir-rispett sabiex dan il-Bord jghogbu jawtorizzahom jirriprendu pussess lura ta’ dan ir-raba’ de quo u dan fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jipprefiggi ghal dan l-iskop salv kull dritt ghall-kumpens li talvolta jista jkun dovut lill-intimat.

Ra r-rispsota tal-intimat li biha (a fol 5 tal-atti) espona:

1. Illi in linea preliminari r-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu li ghandhom fuq l-art de quo.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talba taghha ghar-ripresa tar-raba de quo ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

3. Illi  di fatti, l-intimat ma kkaguna l-ebda hsara jew halla li ssir xi hsara fl-ghalqa de quo u dejjem ha hsieb jikkoltiva l-istess ghalqa kif suppost.

4. Illi l-intimat ma cediex u/ew issulloka r-raba’ in kwistjoni lil terzi.

5. Illi r-raba hija importanti ghall-ghajxien ta' l-intimat.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-htiega ta' din ir-raba ghal Carmelo.

7. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi a fol 46 u fol 53.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi in sostenn tat-talba, kif dedotta mir-rikors in esami, ir-rikorrenti issottomettew is-segwenti provi, kemm orali kemm permezz ta' dokumenti:-

a) <u>Michael Briffa</u> (fol 18 u 92 et seq ibid) wiehed mir-rikorrenti issottolinea, li fit-12 ta' Mejju 1993 kien ra li, fl-art in kwistjoni, kien hemm passagg, li ma kienx hemm qabel u li kien qed jintuza biex tghaddi vettura minn fuqu. Kull verifiki li saru, hu sab li l-istess passagg fuq l-art in kwistjoni kien qed jintuza sabiex minn fuqu jingarr materjal ta' kostruzzjoni lejn razzett fuq art ohra u li kien qed jigi rinovat minn certu Anthony Attard Montalto. Dan tal-ahhar kien informa lir-rikorrenti li kien inghata permess ghal dan il-ghan minn 'min kien qieghed jahdem l-ghalqa' in kwistjoni ossija certu Pietru Grixti. In rigward l-

imsemmi passagg, ix-xhud esebixxa disa' ritratti mehudin minnu u li fuqu hemm muri l-istess passagg (ara fol 9 sa 17 tal-istess atti).

b) Carmelo Briffa (fol 23 et seq ibid) rikorrenti iehor ikkonferma ,fis-sustanza, dak li xehed ir-rikorrenti precedenti, dwar l-imsemmi passagg li kien sar bil-permess u awtorizzazzjoni ta' Pietru Grixti. Dan ix-xhud ,ukoll, issottolinea li hu xtaq li jiehu r-raba' in kwistjoni 'halli nkun nista nahdem jiena bl-iskop li nkun nista nghin lill-familja bih'. Hu, ulterjorment, xehed li hu jahdem 'mal-kuntrattur' bi paga ta' 'xi Lm62 jew LM63 fil-gimgha waqt li hu mizzewweg b'zewgt itfal u kien idahhal madwar Lm50, bhala interessi bankarji annwalment.

c) L-imsemmi Anthony Attard Montaldo (fol 30 et seq ibid) spjega li, sabiex jirranga' r-razzett imsemmi di gja ,hu kien talab il-permess ta' terzi sabiex jkun jista' jghaddi bil-materjal neccessarju ghal dan l-iskop, In rigward permess, hu kien talab dan minghand 'certu Pietru ta' Hal Safi li kunjomu Grixti' li tahulu anke in konsiderazzoni tal-hlas ta' Lm60. Ix-xhud ippreciza ukoll li baqa' jghaddi mill-passagg, gja imsemmi minn Ottubru 1993 sa 'Ottubru 1993'!. F'dan il-perijodu, hu kien jara lill-Pietru Grixti jahdem l-art in kwistjoni.

d) Pietru Grixti (fol 36 et seq ibid) gie prodott u xehed li hu jizra' l-istess art, bil-qamh oltre li jahsadha waqt li l-intimat jhallsu ta' dan u jbieghlu l-istess

prodott. In rigward l-intimat “kull ma jaghmel huwa (li) jigi jittawwal biex jara hdimtilux jew le” ossija “ kull ma jaghmel jigi jittawwal u jara jekk hux kollox sewwa”. Inoltre ix-xhud specifika “ Jiena dejjem nohodlu hsieb kollox jiena u dan ili ghal dan l-ahhar, xi seba’ snin”. Fl-ahhar nett, hu kkonferma li kien awtorizza lill-Anthony Attard Montalto jghaddi “bit-trakkijiet” ghall-iskop hemm fuq spjegat u dana wara li kien cempel lill-intimat.

Ikkunsidra

Illi da parti tal-intimat , jidher li hu xehed (a fol 21 et seq ibid) li hu impjegat mal-Gvern, fil-grad ta’ messagier, hi paga ta’ Lm160 fix-xahar. In rigward Pietru Grixti, hu rrefera ghal dan bhala wiehed li ..... “ilu jghinni xi hames snin” ossija “.... hu kien jghinni”. In rigward profitti, dawn jinqasmu bin-nofs, waqt li l-art tinhadem mit-tnejn, bil-prodott, konsistenti f’qamh u silla jinbiegh bi qliegh ta’ Lm40 fis-sena. Hu kkonferma li l-permess, kif spjegat, kien inghata lill-Anthony Attard

Montalto minn Pietru Grixti "... probabilment ghax aktar jaraw lil Pietru hemm".

Ikkunsidra

Illi l-membri teknici ta' dan il-Bord ikkonstataw, fir-rapport taghhom, illi l-istess raba hu fertili hafna izda kien mizrugh qamh.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti issottometta fir-rikors promottur, tlett kawzali sabiex tintlaqa' t-talba tieghu.

a) 'hsara jew halla li ssir hsara fl-istess ghalqa u inoltre ma hax hsieb jikkoltiva l-istess ghalqa kif suppost'.

In rigward din il-kawzali, ma rrizultax li din l-ghalqa ma kienetx koltivata jew li saret xi hsara fiha. Hu minnu li l-inkwlin u Pietru Grixti ma egixxewx fl-ahjar interess tas-sidien meta dan tal-ahhar awtorizza lil Anthony Attard Montalto sabiex jghaddi minn fuq l-istess ghalqa bi 'trucks' ghall-garr ta' materjal tal-bini u dan minghajr il-kunsens tal-istess sidien. Pero dan il-fatt certament ma jammontax ghal hsara kif trid il-liigi 'in materia'.

b) '…l-intimat ceda u/jew issolloka dan ir-raba' lill-terzi. Mill-provi prodotti, anke mix-xhieda tal-intimat u Pietru Grixti, irrisulta li l-istess intimat ma kompliex jikkoltiva r-raba in kwistjoni hu stess izda ittrasferixxa dan l-esercizzju lil Pietru Grixti in konsiderazzoni ta' sehem mill-profitti. Dan fil-fehma tal-Bord jammonta ghal sullokazzjoni bir-rata ta' profitt stabbilit bejn l-intimat u l-istess

Pietru Grixti bhala l-prezz tal-imsemmija sullokazzjoni , li saret pjenament ‘ad insaputa’ tas-sidien.

c) ‘… dan ir-raba mhux fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat u ir-rikorrenti ghandhom htiega ta’ dan ir-raba’ ghal Carmelo Briffa’.

Mill-istess provi jidher li l-intimat, impjegat bhala messagier mal-Gvern, u Pietru Grixti jaqsmu, bejniethom, massimu ta’ Lm40 profitt u dan minn ghalqa ta’ madwar sitt itmien. Certament, ghalhekk, it-telf ta’ dan il-qliegh (Lm20 fis-sena ) ma jistax jammonta ghal xi ‘hard ship’ ghall-istess intimat. Da parti taghhom ir-rikorrenti jidher li ghandhom bzonn l-istess raba sabiex jkun jista jikkoltivah wiehed mill-istess rikorrenti, Carmelo Briffa, ragel mizzewweg b’zewgt itfal u impjegat ma kuntrattur b’paga ta’ madwar Lm62 fil-gimgha.

Ghalhekk tenut kont ta’ dawn il-fatti, jidher li l-imsemmi Carmelo Briffa ghandu bzonn l-istess ghalqa waqt li ma jidhirx li l-intimat jkollu xi ‘hardship’ f’kaz li it-talba tkun milqugha.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, mill-premess, jidher li t-talba tar-rikorrenti qed tigi akkolta a basi tal-kawzali (b) u (c) kif hawn fuq premess.

In rigward kumpens (ara r-relazzjoni tal-Periti Teknici tal-Bord anness mal-atti), in vista li t-talba in esami qed tigi akkolta,ukoll, a basi tal-kawzali b) ekwivalenti ghall-artikolu 4(2)(c), tal-ligi u inoltre ma jarax li l-intimat ghandu jinghata kumpens.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jirriprendu pussess tar-raba' maghruf bhala ta' San Tumas fil-limiti tal-Qrendi tal-kejl ta' madwar hamest itmien u dan sal-15 ta' Awissu 2001;

Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

J Borg
Dep.Reg